22 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Neg. John Coleiro ne. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne. et.

**Impunjazzjoni ta' Liġi — Nullità — Retroattività — Atti "Iure Imperii" — Att XIV tal-1950 — Proklama III tal-1950 — Sezzjoni 5, 28, u 16 tal-Malta Constitution Letters Patent, 1947 — Art. 37 tal-Kap. 163**

*Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati, imsejħin biex japplikaw il-liġi, għandhom il-poter, u d-dmir, li jeżaminaw jekk dik hijiex liġi, jiġifieri jekk ġietx emessa mill-awtorità kompetenti u bil-formalitajiet meħtieġa; iżda ma għandhomx il-poter li jindaħlu fil-ġustizzja jew opportunità tal-istess liġi. Dan il-prinċipju, għad li normalment ġie applikat għal dawk l-atti li l-Poter Eżekuttiv jagħmel "jure imperii", huwa applikabbli wkoll għall-atti tal-Poter Leġislattiv.*

*Ma jistgħax jingħad li Att tal-Assemblea Leġislattiva huwa null għax l-Assemblea Leġislattiva, meta ġie diskuss u approvat dak l-Att, ma kienetx kostitwita mill-membri kollha, imma kien fiha xi vakanzi, billi ma kienux għadhom ġew eletti r-rappreżentanti ta' dawk id-distretti li għalihom xi uħud mill-eletti ma kienux optaw.*

*Lanqas ma jista' jiġi attakkat b'nullità Att ta' dik l-Assemblea fuq il-mottiv li dak l-Att jinvadi l-isfera tal-funzjonijiet propriji tal-Awtorità Ġudizzjarja, peress li, meta sar, kien hemm ġa kawża "sub judice". Kien hemm okkożjonijiet li fihom il-leġislatur iddikjara liġi b'effett retroattiv; u jekk bħala regola dan ma jsirx, u xieraq li jiġi evitat, ħadd ma jista' jiċħad lill-leġislatur dan il-poter, sakemm il-liġi toħroġ mill-organu kompetenti u bil-formalitajiet li jmiss; u, bħal liġijiet l-oħra, it-tribunali għandhom japplikawha.*

*Fil-kawża preżenti, l-attur talab li jiġi dikjarat null u ta' ebda effett ġuridiku l-Att XIV tal-1950 fuq il-motivi, fost oħrajn, li kien kuntrarju għad-Dritt Naturali, li kien ġie vutat mill-Assemblea Leġislattiva meta din ma kienetx komposta mill-erbgħin membru li kienu jikkomponuha, u illi l-Att kien jinvadi l-funzjonijiet propriji tal-Awtorità Ġudizzjarja, billi kien hemm ġa inoltrata kawża bejn l-istess partijiet li kienet tiġi affettata minn dak l-Att; u l-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur.*

Il-Qorti; — Rat is-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru 1952, fejn jinsabu miġjuba d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet respinta l-ewwel talba tal-attur, bl-ispejjeż mingħajr taxxa u d-dritt tar-Reġistru għall-attur, u l-kawża ġiet imħollija għall-kontinwazzjoni tagħha fuq id-domandi l-oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 1953, li biha ġiet revokata s-sentenza ta' din il-Qorti, u ġie dikjarat li l-azzjoni dedotta bl-ewwel domanda mhijiex perenta, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti, u ġie rimess l-inkartament lil din il-Qorti għat-trattazzjoni fil-meritu tal-ewwel domanda, u, jekk ikun il-każ, tal-kumplament tal-istanza;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Kumitat Ġudizzjarju tal-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-11 ta' Mejju 1954, li biha l-appell tal-konvenuti ġie respint, u ġiet konfermata l-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed, fl-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni, jitlob li jiġi dikjarat null u ta' ebda effett ġuridiku l-Att XIV tal-1950, u dan għal diversi motivi, li, għall-kjarezza tal-espożizzjoni, xieraq li jiġu eżaminati separatament;

Illi l-ewwel motiv ta' nullità jikkonsisti filli l-Att fuq imsemmi, kuntrarjament għad-dritt naturali, jesproprija lill-attur mill-proprjetà tad-depożitu magħmul f'idejn il-Kollettur tad-Dwana in segwitu għall-Proklama III tal-1950, u dan mingħajr ma l-attur ġie kompensat;

Illi l-konvenuti, fin-nota tal-eċċezzjonijiet tagħhom (fol. 5), issottomettew ġenerikament li dan il-motiv, bħal motivi l-oħra, anki suppost li huwa veru, ma jistgħax jaffetta l-validità tal-imsemmi Att; u mbgħad, fin-nota tagħhom fol. 104, irrilevaw illi l-assunt tal-attur jolqot u jilledi "s-sovranità fl-isfera tagħha" tal-Leġislatura ta' Malta;

Illi l-kwistjoni fuq prospettata tiddependi minn jekk il-Qrati jistgħux jissindakaw liġi kwalifikata bħala inġusta. Hu ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna illi l-Qrati, imsejħin biex japplikaw il-liġi, għandhom il-poter, u d-dmir, li jeżaminaw jekk dik hijiex liġi, jiġifieri jekk ġietx emessa mill-awtorità kompetenti u bil-formalitajiet meħtieġa, iżda ma għandhomx il-poter li jindaħlu fil-ġustizzja jew fl-opportunità tal-istess liġi. Dan il-prinċipju, għad li normalment ġie applikat għal dawk l-atti li l-poter eżekuttiv jagħmel

"jure imperii", huwa applikabbli anki għall-Atti tal-Poter Leġislattiv (ara Kollez. Vol. XXVII-I-579 in fine);

Illi din l-interpretazzjoni hija wkoll konformi għall-prinċipji tad-Dritt Kostituzzjonali Ingliż, li fuqhom hija bażata l-Kostituzzjoni ta' dawn il-Gżejjer; u għalkemm l-attur ipprova jiskarta dawk il-prinċipji u l-awtoritajiet ċitati mill-konvenuti biex isostnuhom, bil-pretest li ma humiex applikabbli għal dawn il-Gżejjer, fejn ir-reliġjon hija r-Reliġjon Kattolika, ta' min jinnota illi l-istess prinċipji u nterpretazzjoni jimperaw ukoll fuq il-Kontinent, b'mod speċjali fi Franza u fl-Italja.

Jgħid Laurent:— "Senza dubio il giudice ha il diritto di esaminare se l'atto di cui si domanda l'applicazione è una legge. Ma dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, v'ha legge, ed il giudice è tenuto ad applicarla...... Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, ciò significa che esso non ha diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso di esaminare se essa è in armonia con i principi del giusto e dell'ingiusto, che Iddio ha scolpito nella nostra coscienza. *Di certo il* legislatore deve usare diligenza perchè le leggi che esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe di autorità morale, ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se egli potesse rifiutare di farne l'applicazione, la legge non sarebbe quello che essa deve essere, una regola obbligatoria per la società tutta intera; non vi sarebbe più legge" (Diritto Civile, Vol. I, §30);

F'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament ta' Baudry:— "Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. 'Dura sed lex'. Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permetter al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontà del legislatore" (Persone I, §236);

Fl-aħħarnett, il-Foramiti hekk imur josserva:— "Ella è senza dubio cosa essenziale ad ogni legge l'essere giusta ed equa; ma non si deve concludere da ciò che i privati abbiano diritto di ricusare obbedienza agli ordini del sovrano sotto il pretesto che non li trovano giusti. Perciocchè, oltre che bisogna condonare qualche cosa alla debolezza inseparabile dall'umanità, la sollevazione contro la potenza legislativa, che forma tutta la sicurezza della società, porta il rovesciamento della società medesima; i sudditi hanno l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato" (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag. 238, col.2a.);

F'dan is-sens ukoll huwa il Digesto Italiano, voce "Leggi" §91, monografija ta' Vincenzo Di salvo;

Illi, għall-konsiderazzjonijiet fuq miġjuba, l-ewwel motiv ta' nullità mhux sostenibbli;

Illi, fit-tieni lok, l-attur qiegħed jibbaża n-nullità tal-Att XIV tal-1950 għaliex huwa nieqes mir-rekwiżiti sostanzjali u formali meħtieġa għall-validità tiegħu, in kwantu ġie vutat mill-membri tal-Parlament (1) fuq informazzjonijiet mhux veritjeri, (2) mingħajr ma huma kienu qed jifhmu l-effett ta' dak l-Att, (3) mingħajr ma l-Assemblea Leġislattiva kienet komposta minn erbgħin membru, (4) u b'difetti oħra ta' proċedura. Riferibilment għall-ewwel, it-tieni u r-raba' motivi, l-attur ma ppruvax jissostanzjahom bl-ebda mod; u biżżejjed wieħed jara l-"Objects and Reasons" tal-liġi ċirkolata lill-membri, kif ukoll id-diskussjoni li saret fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1950, biex jeskludi dawk it-tliet motivi ta' nullità;

Illi, fuq it-tielet motiv; veru li meta ġiet diskussa u approvata l-liġi ma kienx hemm l-erbgħin (40) membru rikjest mis-sezzjoni 5 tal-Kostituzzjoni, peress li kienu għadhom ma ġewx eletti r-rappreżentanti ta' dawk id-distretti li għalihom xi uħud mill-eletti ma kienux optaw; imma

huwa minnu wkoll illi, skond is-sezzjoni 28 tal-istess Kostituzzjoni, "the Assembly shall not be disqualified for the transaction of business by reason of any vacancy or vacancies among the members thereof". Il-lokuzzjoni tal-liġi hija ġenerika, kif hija wkoll ġenerika l-lokuzzjoni tal-art. 16, li jagħti lill-Gvernatur il-poter li jimla l-vakanzi okkorrenti, u li jimlihom skond id-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li fiż-żmien tkun viġenti f'Malta għal dan ir-rigward; liema liġi, fil-każ in kwistjoni, hija l-Liġi Elettorali dwar il-Votazzjoni (Kap. 163 tal-Liġijiet ta' Malta, ġa Ordinanza XXXIV tal-1939), u preċiżament l-art. 37, li jikkwalifika l-każ tagħna bħala "vakanza". Ikompli jikkonferma din l-interpretazzjoni l-fatt illi fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 1950, fuq riferita, l-Assemblea pproċediet biex tagħmel l-aktar att importanti għall-ħajja tagħha, jiġifieri l-elezzjoni ta' li Speaker u tad-"Deputy Speaker and Chairman of Committees". Konsegwentement, anki dan il-motiv ta' nullità mhux sostnut;

Illi raġuni oħra għan-nullità tal-Att fuq imsemmi hija, skond l-attur, għaliex dan l-Att hu kuntrarju għas-sezzjoni 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; iżda l-attur ma ddimostrax bl-ebda mod l-assunt tiegħu, u milli jidher injora li dak l-Att irriporta l-assens tal-Gvernatur fit-18 ta' Ottubru 1950, u għalhekk daħal regolarment in vigore;

Illi l-aħħar motiv ta' nullità addott mill-attur huwa illi l-imsemmi Att jinvadi l-funzjonijiet proprji tal-Awtorità Ġudizzjarja, peress li, meta sar, kien hemm ġa kawża "sub judice". Evidentement, u kif spjega d-difensur tal-attur fid-dibattitu orali, dan il-motiv hu riferribbli għas-subart. (2) tal-art. (2) ta' dak l-Att, jiġifieri għall-proċeduri ġudizzjarji magħmulin jew mibdijin qabel dak l-Att, jiġifieri ma jirrigwardawx il-kawża odjerna, li ġiet inizjata fuq sena wara. In kwantu, però, il-liġi tista' tolqot il-kawża l-oħra fl-ismijiet "Neg. John Coleiro ne. vs. Frank Agius et ne.", li saret qabel ma l-liġi daħlet in vigore, il-lum 'sine die", ta' min jinnota illi mhix din l-ewwel okkażjoni li l-leġislatur iddik-

jara liġi b'effett retroattiv (kif, bħala eżempju, għamel bl-art. 7 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern no. 327 tal-1945); iżda, jekk dan bħala regola ma jsirx u xieraq li jiġi evitat, ħadd ma jista' jiċħad lill-leġislatur dan il-poter, sakemm il-liġi toħroġ mill-organu kompetenti u bil-formalitajiet li jmissha; u, bħal liġijiet l-oħra, it-tribunali huma tenuti japplikawha;

Illi, taħt dawn iċ-ċirkostanzi, l-ewwel domanda tal-attur mhix fondata;

Illi ugwalment infondata hija t-tieni domanda, għaliex it-termini tal-liġi huma ċari u kategoriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad id-domanda tal-attur; bl-ispejjeż.